MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINAL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Numru 6/1996

**Att ta' Akkuza
Nru. 6/1996**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Lawrence Asciak sive Axiak**

**Il-Qorti**,

Rat is-sentenza moghtija fit-2 ta' Gunju 2000 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Rat l-Att ta' Akkuza 6/1996.

Rat il-verdett tal-gurati moghti fis-seduta tal-lum li bih ghar-rigward ta' l-Ewwel Kap, b'tmien (8) voti kontra wiehed (1) sabu lill-Lawrence Asciak sive Axiak hati taht dan il-Kap, ghar-rigward tat-Tieni Kap b'tmien (8) voti kontra wiehed (1) sabuh hati taht dak il-Kap, u ghar-rigward tar-Raba Kap, bi tmien (8) voti kontra wiehed (1) sabuh hati taht dan il-Kap.

Tiddikjara lill-Lawrence Asciak sive Axiak hati skond l-Ewwel Kap, u cioe' talli kkoltiva l-pjanta Cannabis, hati skond it-Tieni Kap, cioe' talli kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u hati skond ir-Raba Kap, cioe' talli xjentement ghamel, jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu s-sustanza esplossiva taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi hu ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu.

Semghet lix-xhud Reverendu Emanuel Cordina.

Semghet lill-avukati tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza jittrattaw dwar il-piena.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom il-fatt li r-reati in kwistjoni gew kommessi tmien snin ilu.

Rat l-Artikoli 2, 8 (c) (d), 22 (1) (2) (a) (ii), 26, u 22 (1) (a) (ii) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) kif kien fil-1992 meta gew kommessi r-reati, kif ukoll l-Artikoli 23, 533, 313, 314 u 315 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar il-Konkors ta' reati u ta' pieni, u dan stante li t-Tieni Kap huwa assorbit fl-Ewwel Kap.

Tiddeciedi fuq il-piena, tenut kont li l-pieni applikabbli f'dan il-kaz huma dawk stabbiliti mil-fuq imsemmi Kap. 101

qabel ma gie emendat b'zieda fil-pieni, li tikkundanna lil Lawrence Asciak sive Axiak ghall-prigunerija ghal zmien ta' hames (5) snin, bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz kif ukoll Multa ta' hames telef lira Maltin (Lm5000) li ghandha tithallas skond il-ligi, konvertibbli ghal sitt (6) xhur ohra ta' prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' hlas.  Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati.

Fl-ahhar nett tikkundanna lill-istess Lawrence Asciak sive Axiak ghal hlas ta' tletin lira Maltin (Lm30) parti mill-ispejjes peritali li saru in konnessjoni ma' dan il-kaz";

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fil-21 ta' Gunju 2000 li bih, filwaqt li ghamel referenza ghall-provi prodotti u dawk producibbli skond il-ligi, talab li din il-Qorti tilqa' l-appell tieghu u dan billi skond l-artikolu 501(2) tal-Kodici Kriminali thassar id-dikjarazzjoni ta' htija u tordna li jigu registrati verdett u sentenza ta' liberazzjoni; b'dan li, bla pregudizzju ghal dik it-talba, f'kaz li din il-Qorti tichad l-istess talba, tikkunsidra temperament fis-sentenza moghtija ghal dak li jirrigwarda l-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa, gusta, proporzjonata u bilancjata ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti se tikkunsidra t-tliet rikorsi li ntavola l-appellant fil-mori ta' dan l-appell.

L-ewwel rikors gie pprezentat fid-19 ta' Gunju 2002 u fih l-appellant talab li jigi nominat *clinical psychologist* peress li l-avukata tieghu nfurmatu li ghandha suspett qawwi li huwa jbati minn *personality disorder* li taghmlu *easily suggestible* u meta jkun taht pressjoni qawwija jghid affarijiet minghajr ma jqis il-konsegwenzi taghhom. Talab

ukoll f'dan ir-rikors li jigi awtorizzat jipproduci bhala xhud lit-tabib personali tieghu biex jixhed dwar *injuries* li sofra f'dahru f-1992 li minhabba fihom ma setax jerfa' oggetti tqal.

Fis-26 ta' Lulju 2002 l-appellant ipprezenta zewg rikorsi. F'wiehed minnhom irrinnova t-talba tieghu biex jipproduci bhala xhud it-tabib personali tieghu, li ndikah bhala Dr. Raymond Aquilina, *orthopaedic surgeon*, li jahdem l-Isptar Ghawdex. Fit-tieni rikors irrinnova t-talba tieghu ghan-nomina ta' *clinical psychologist* peress li afferma li jbati minn *personality disorder* li minhabba fiha jghid affarijiet li jistghu jkunu mhux veri meta jkun taht *stress* qawwi u sostna li kien qieghed ibati minn tali *disorder* meta ghamel l-i*statement* lill-Pulizija. Inoltre talab li qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza, tordna li jsir *pre-sentencing inquiry report*.

Dwar it-talba ta' l-appellant biex jipproduci t-tabib personali tieghu, jirrizulta li waqt il-guri d-difiza talbet li jittella' bhala xhud is-Supretendent ta' l-Isptar ta' Ghawdex biex igib il-*medical history file* ta' l-akkuzat. Din it-talba giet michuda b'digriet moghti fid-29 ta' Mejju 2000 mill-Ewwel Qorti fejn qalet li s-Supretendent ta' l-Isptar ta' Ghawdex ma giex indikat bhala xhud fiz-zmien moghti mil-ligi u inoltre tali prova kienet diga` disponibbli fl-istadju ta' l-istruttorja u ghalhekk mhijiex xi prova gdida. Minn ezami tax-xiehda li ta l-appellant waqt il-guri jirrizulta wkoll li filwaqt li jispjega li kien jiehu mill-pilloli li nstabu fir-residenza tieghu ghall-ugiegh li kien ihoss wara operazzjoni li kien ghamel l-Isptar, imkien ma jispjega la x'tip ta' operazzjoni kien ghamel, la meta, u lanqas ighid li ma setax jerfa' oggetti tqal. Ghalhekk it-talba biex jipproduci t-tabib personali tieghu f'dan l-istadju huwa michud.

Dwar it-talba tieghu sabiex jigi nominat *clinical psychologist*, jidher li l-allegazzjoni tieghu li qieghed isofri mill-*personality disorder* fuq imsemmi hija bazata fuq evalwazzjoni li ghamlet l-avukat tieghu. Din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda li ta r-Reverendu Emanuel Cordina, direttur tal-Fondazzjoni OASI

f'Ghawdex li qal li huwa beda jara lill-appellant fl-1996 fuq talba tal-genituri ta' l-istess appellant. Xoghol ir-Reverendu Cordina huwa ta' terapista u meta beda jiltaqa' ma' l-appellant sab li kien bniedem "maghluq, fis-sens, difficli biex jafda", u li dan kien parti mill-karattru tieghu. Huwa qal li rnexxielu jidhol fil-personalita` tieghu u fi zmien tliet xhur kien kabbarlu l-istima u l-konfidenza fih inniffsu. L-appellant baqa' jzomm kuntatt mieghu regolarment. Il-Qorti hija tal-fehma li kieku l-appellant kellu *personality disorder* bhalma qed jigi issa allegat, dan kien jirrizulta lir-Reverendu Cordina fil-perijodu twil li baqa' f'kuntatt ma' l-appellant. Ghalhekk it-talba ghan-nomina ta' *clinical psychologist* hija wkoll michuda.

Dwar it-talba biex isir *pre-sentencing enquiry*, ossia *investigation report*, din il-Qorti se tikkunsidraha aktar 'il quddiem u ghalhekk issa se tghaddi biex tikkunsidra minnufih l-aggravji ta' l-appellant kif imfissra fir-rikors ta' appell tieghu.

L-aggravji ta' l-appellant huma maqsuma fi tliet partijiet. Fl-ewwel lok, l-appellant jissottometti illi kien hemm irregolarita` matul il-kawza. Fit-tieni lok ighid illi kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Fl-ahharnett l-appellant isostni li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza. Bla pregudizzju ghal dawn l-aggravji, f'kaz li ma jigux akkolti, l-appellant jissottometti li ghandu jkun hemm temperament qawwi fil-piena.

Ghall-ahjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li jigu trattati l-aggravji ta' l-appellant fl-istess ordni li nghataw fir-rikors ta' appell. Konsegwentement, din il-Qorti ser tibda l-ewwel billi tikkunsidra l-allegati irregolarita` matul il-kawza.

L-appellant jirreferi ghal zewg incidenti li, skond hu, kellhom effett fuq l-andament tal-kawza, l-operat tal-gurija u konsegwentement fuq il-verdett.

L-ewwel incident jirreferi ghal meta kien qieghed jixhed in ezami P.C. 1371 Alfred Grech, xhud tal-prosekuzzjoni, u

kien qieghed jiddeskrivi kif kienu ghamlu ghassa kontinwa fuq il-mixtla fejn kien hemm il-pjanti u f'hin minnhom qal li kienu lemhu s-suspettat fil-vicinanzi tal-ghalqa. L-appellant qal li meta giet ripetuta l-kelma "suspettat", wiehed mid-difensuri tieghu, Dottor John Attard Montalto, oggezzjona ghaliex kien car li x-xhud kien qieghed juza kelma, "suspettat", li zgur li l-gurati kienu qeghdin jifhmu li qieghed jirreferi ghall-akkuzat, meta fil-fatt il-Pulizija kienu lemhu lil Frankie Axiak u mhux lill-appellant. L-appellant jilmenta dwar il-mod ("b'ton aggressiv") kif irreagixxa l-Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali ghall-oggezzjoni ta' Dottor Attard Montalto.

It-tieni incident li ghalih jirreferi l-appellant inqala' meta l-prosekutur beda jaqra minn *statement* ta' Lawrence Axiaq fl-isfond li kien qieghed jaghmel punt fuq Frankie Axiaq. Dottor John Attard Montalto oggezzjona ghal dan ghax il-gurati setghu jiehdu impressjoni li l-i*statement* kien ta' Frankie Axiaq u kien diga` nqala' battibekk dwaru fl-ewwel jum tal-guri ghaliex il-prosekutur ried jipproducieh meta kien jaf ben tajjeb li l-i*statement* ta' l-akkuzat biss huwa producibbli bhala evidenza. Id-diskors li dwaru qieghed jilmenta l-appellant gie riprodott fir-rikors ta' appell.

L-appellant isostni li dawn iz-zewg incidenti jammontaw ghal irregolarita` u ma setghux ma jkollhomx effett fuq l-andament tal-guri u eventwali verdett, peress li saru fil-prezenza tal-gurati. Ighid li tant kienet ikkargata l-atmosfera li d-difensuri, konxji li l-gurat jista' jassocja l-appellant/akkuzat ma' l-avukat difensur, haga li hija realta` tal-hajja, talbu x-xoljiment tal-guri, liema talba ma ntlaqghetx.

Dwar il-kondotta ta' l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi guri, Archbold, f'**Criminal Pleading, Evidence and Practice**, 2001, para. 7-81, pagna 930 u 931, ighid:

"Interventions by the judge during a trial will lead to the quashing of a conviction: (a) when they have invited the jury to disbelieve the evidence for the defence in such strong terms that the mischief cannot be cured by the common formula in the summing up that the facts are for

the jury, and that they may disregard anything said on the facts by the judge with which they do not agree; (b) when they have made it impossible for defending counsel to do his duty; (c) when they have effectively prevented the defendant or a witness for the defence from telling his story in his own way: *R. v. Hulusi and Purvis*, 58 Cr.App.R. 378, CA; see also *R. v. Frixou* [1988] Crim.L.R. 352, CA, and *R. v. Roncoli* [1998] Crim.L.R. 584, CA…. In *R. v. Matthews and Matthews*, 78 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal said that in considering the effect of interventions made by the trial judge the critical aspect of the investigation was the quality of the interventions as they related to the attitude of the judge as might be observed by the jury and the effect that the interventions had either on the orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case by his advocate or on the efficiency of the attack to be made on the defendant's behalf on vital prosecution witnesses by cross-examination administered by his advocate on his behalf. Ultimately the question was: might the case for the defendant as presented to the jury over the trial as a whole, including the adducing and testing of evidence, the submissions of counsel and the summing up of the judge, be such that the jury's verdict might be unsafe?"

Din il-Qorti ezaminat is-siltiet iccitati mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu u semghet il-partijiet relattivi fuq it-*tapes* esebiti mill-appellant bhala Dok. A u Dok. B. M'hemm l-ebda dubju li l-Imhallef sedenti l-guri kien vociferu fil-mod kif irreagixxa ghall-oggezzjonijiet imqajma mid-difensur Dottor John Attard Montalto. Huwa daqstant car pero` li din ir-reazzjoni kienet kawzata mill-mod ta' kif kien qieghed jintervjeni l-istess difensur. Fiz-zewg sitwazzjonijiet partikolari msemmija mill-appellant, fl-ewwel incident id-difensur interrompa l-ezami tax-xhud P.C. 1371 Alfred Grech u, fit-tieni incident interrompa lill-avukat prosekutur waqt li dan kien qieghed jaghmel ir-replika tieghu. L-Ewwel Qorti attirat l-attenzjoni tad-difensur imsemmi li dak ma kienx il-mod kif isiru l-oggezzjonijiet. Difatti, fl-ewwel kaz kien ghad jonqos li jsir il-kontro-ezami tax-xhud u fit-tieni kaz kien ghad jonqos il-kontro-replika.

Fost id-doveri tal-Qorti waqt il-guri, hemm dawk li zzomm il-bon-ordni tas-seduta u li triegi s-smigh tal-kawza (art. 436(3)(a)(b) tal-Kodici Kriminali). L-istess Kodici jipprovdi wkoll ghall-ordni li ghandu jithares fis-smigh tax-xhieda (art. 459) u ghad-dritt tal-kontro-replika wara r-replika tal-prosekuzzjoni (art. 464).

Dan ma jfissirx li din il-Qorti tista' tikkondividi l-kummenti li saru mill-Ewwel Qorti u li dwarhom l-appellant ilmenta fir-rikors ta' appell tieghu. Il-punt li riedet taghmel dik il-Qorti seta' gie enfasizzat minghajr il-htiega ta' tali kummenti li jidher li kienu superfluwi u barra minn posthom, bhall-kummenti dwar x'isir jew ma jsirx fil-Parlament u dwar min idahhal lil min fil-but, kummenti li jmorru lil hinn mill-kontenjo li l-gudikant ghandu jzomm fil-qadi ta' dmirijietu. Huwa veru li s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 501 tal-Kodici Kriminali jipprovdi *inter alia* li appell kontra dikjarazzjoni ta' htija ghandu jigi milqugh jekk kien hemm irregolarita` matul il-kawza, izda l-*proviso* ta' l-istess subartikolu jghid testwalment: *"Izda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja"*.
Din il-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jinghad li dawn iz-zewg incidenti ta' ftit minuti ghamluha impossibbli ghad-difensuri ta' l-appellant biex jaghmlu d-dover taghhom. Difatti, in kwantu jirrigwarda l-ewwel incident, meta kien ghadu qieghed jixhed P.C. 1371 Alfred Grech (tape 5 side A p. 3 sa 5), kien hemm ftit tal-hin wara botta u risposta bejn Dottor Attard Montalto u l-Imhallef li dehret li sahanistra skjarixxiet is-sitwazzjoni, (bl-Imhallef jiddikjara li jiddispjacieh u Dottor Attard Montalto jirringrazzjah). Huwa evidenti li dak li l-Ewwel Qorti riedet kien biss li l-guri jitmexxa u jipprocedi b'mod ordinat sabiex kull naha jkollha l-possibilita` li twettaq id-doveri taghha skond kif tipprovdi l-ligi stess u minghajr interventi mhux f'waqthom. Billi fl-assjem tal-mod kif tmexxa l-guri ma jirrizultax li saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, dan l-aggravju huwa respint.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-allegata interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi skond l-appellant.

Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li dwar il-grad ta' prova necessarja biex il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragonevoli l-Ewwel Qorti fl-indirizz taghha kienet skjetta. Ukoll jissottometti li l-Ewwel Qorti ma spjegatx b'mod car il-grad ta' prova li tappartjeni lid-difiza meta din tiddeciedi li tressaq provi u l-grad necessarju biex l-evidenza taghha tkun emnuta. Ighid li peress li dan huwa punt difficli biex wiehed japprezza, cioe` d-differenza tal-gradi rispettivi tal-prova tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ghandha tigi indirizzata bl-aktar mod car.

Din l-allegazzjoni kieku tirrizulta sostanzjata, hija tali illi potenzjalment tista' tinfetta l-process kollu u timmenomah serjament jekk mhux fatalment. Din il-Qorti ghalhekk ezaminat l-indirizz kollu in kwistjoni u tista' tafferma, minghajr l-icken ezitazzjoni, li l-appellant assolutament m'ghandux ragun. Difatti jirrizulta li fl-ewwel parti ta' l-indirizz tieghu fit-2 ta' Gunju 2000, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ddedika hin konsiderevoli biex jispjega lill-gurati kemm il-grad ta' prova li kellha taghmel il-prosekuzzjoni u kif ukoll il-grad li seta' jasal ghalih l-akkuzat. L-Imhallef hekk indirizza lill-gurati:

"Mela hawn hekk ghandna l-prosekuzzjoni li qieghda tghidilkom - tallega - illi l-akkuzat, b'dak li ghamel kiser il-ligi, u ghalhekk issa l-obbligu qieghed fuqha sabiex din l-allegazzjoni, din l-akkuza, tippruvaha. U jekk tonqos u ma tasalx li taghmel dan, allura, ma tistghux tiddikjaraw jew issibu htija fl-akkuzat, u ghandkom tghidu illi mhux hati. U allura la darba il-Prosekutur (recte: Prosekuzzjoni) ghandha dan l-obbligu li tipprova l-akkuzi kontra l-akkuzat, il-ligi mbaghad tistabilixxi grad ta' prova li Prosekutur (recte: Prosekuzzjoni) sabiex tirnexxi hija obbligata li tasal sa dan il-grad. Dan il-grad semmejnihulkom pero`, nerga' nghid, irrid nerga' nispjegah **(sottolinear ta' din il-Qorti)**.

U tasal ghalih il-Prosekutur (recte: Prosekuzzjoni), sinjuri gurati sabiex intom tohorgu b'verdett ta' htija fuq l-akkuzi kollha jew xi uhud minnhom - dik tarawha intom - huwa l-grad tal-konvinciment morali, huwa il-grad tal-*beyond reasonable doubt*. Il-grad tal-konvinciment morali, dan il-konvinciment mela sinjuri gurati m'ghandux ikun jew taharbux bl-ideja li jrid ikun grad l-assolut, il-perfezzjoni, ghax il-grad tal-perfezzjoni, tal-assolut, huwa biex nghid hekk huwa l-grad ta' l-impossibbli …. il-Prosekuzzjoni trid bil-provi … twassalkom sa dik ic-certezza illi ghalkemm ma kontux hemm dikinhar ta' l-incident, u ma rajtu u ma smajtu xejn, pero` b'dawn il-provi li qieghda ggib quddiemkom, intom tkunu qeghdin taraw il-kwadru kollu qed jigri quddiem ghajnejkom, qiskom qeghdin hemm hekk - tkunu konvinti jigifieri, fil-kuxjenza taghkom, illi ehhe, veru hekk gara dak inhar, dik hija l-verita` dawn huma l-provi u l-provi hekk qed juruni lili. Jiena wara li nhaddem il-bwon sens, wara li nhaddem l-intelligenza tieghi - dak huwa l-grad tac-certezza morali, sinjuri gurati, dak huwa l-grad li l-ligi titfa' fuq spallejn il-prosekuzzjoni biex tipprova l-kaz taghha - huwa -gard jigifieri, illi intom ma jibqax fikom dak id-dubbju ragonevoli, id-dubbju dettat mir-raguni, id-ubbju jigifieri illi minhabba fih, allavolja tanalizzaw il-provi kollha, allavolja tiddiskutu bejnietkom, pero` xorta jibqa' dak il-farka ta' dubbju. Dejjem irid ikun pero` dubbju dettat mir-raguni, illi minhabba fih inti fil-kuxjenza tieghek tghid le, jiena ma nistax insib htija, ghandi dan id-dubbju, u ghandi dan id-dubbju mhux b'mod kapriccjuz, ghax m'ghandix grazzja jew ghax ghandi grazzja, jew ghax miskin jew ghax mhux miskin, jew ghax haqqu hekk - dan mhux id-dubbju, dak huwa d-dubbju mehud b'mod kapriccjuz li l-ligi ma tridx, dak huwa dubbju mehud b'mod irresponsabbli li l-ligi ma tridx. Il-ligi trid li jekk inti ghandek dubbju, dan id-dubbju irid ikun wiehed ragunat, irid ikun dubbju li inti ghalkemm studjajt il-provi, analizzajthom darba, tnejn, tlieta, erbgha, jibqa' fik, ma tistax tasal ghal dak il-konvinciment morali li semmejtilkom qabel, u jekk taslu sa hemm, jekk il-prosekuzzjoni twassakom sa hemm biss, li jibqa' dan id-dubbju, allura ma tistghux f'dak il-kaz taghtu verdett ta' htija. Jew fi kliem iehor, jekk hemm dan id-dubbju ragonevoli, jekk m'intomx moralmnt konvinti, dak id-dubbju ragonevoli l-ligi stess

tobbligakom li taghtuh favur l-akkuzat. Taghtuh favur l-akkuzat ifisser li tghidu li mhux hati. U nerga' nghid, taghmlu hekk mhux bi pjacir, b'favur jew ghax ghandek grazzja mieghu, ghax miskin jew ghax min jaf x'ser jigri mill-familja tieghu, dawk mhumiex konsiderazzjonijiet li l-ligi tippermettilkom li zzommu f'mohhkom - irid ikun hemm dubbju li jirrizulta biss mill-provi.

Dak mela sinjuri gurati huwa sa fejn jikkoncerna l-grad ta' prova li trid tasal ghalih il-prosekutur. U ovvjament issa rrid nghid x'inhuwa dak il-grad ta' prova li l-ligi mhux tobbliga lill-akkuzat, imma tippermettilu li jekk irid jasal sa dak il-grad. Uzajt il-kelma mhux tobbliga, huwa ovvju ghaliex, ghax jekk huwa prezunt innocenti ma ghandu ghalfejn jipprova xejn, jekk huwa prezunt innocenti jista' joqghod hemm bilqieghda u ma jixhidx - fil-fatt f'dan il-kaz l-akkuzat ghazel li jixhed. Imma l-ligi taghtih id-dritt a darba huwa prezunt innocenti illi jekk irid ma jixhidx. Huwa prezunt innocenti, m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, ghandu l-aqwa garanzija, ghandu l-aqwa difensur - il-ligi stess qed tghidlu inti prezunt innocenti oqghod kwiet, halli l-prosekuzzjoni tipprova li inti m'intix innocenti, li inti hati. Dak huwa xoghlha. Poggejt fuq spallejha l-obbligu jew l-oneru bix inti tigi dikjarat hati, trid tikkonvinci s-sinjuri gurati illi moralment, illi inti hati - jigifieri ghalhekk qed nghid m'huwiex, ma hemmx xi obbligu fuqu, ta' grad li ghandu jasal ghalih, tippermettilu pero` li jasal sa certu grad lill-akkuzat, u l-akkuzat jista' jasal ghal dan il-grad sia jekk jixhed hu, sia jekk igib xi provi in difesa tieghu - li f'dan il-kaz ma gabx, pero` ma jfisser xejn, tahsbux li ghax ma gabx provi allura naqas minn xi haga, ma jfisser xejn dak - u sia anke mill-argumentazzjonijiet li ghamel l-avukat difensur tieghu.

U jsta' jasal ghall-grad li tippermettilu l-ligi, li ahna nsejhulu l-grad tal-probabbli, billi b'dak li jixhed hu, b'dak li jghid l-avukat tieghu, gewwa fikom iqanqal jew inissel jew igib id-dubbju ragonevoli li ghadni kemm semmejt qabel. Mhux hekk biss. Id-dubbju ragonevoli li jista' jqanqal l-akkuzat fid-difiza tieghu, fikom, jew fil-provi tal-prosekuzzjoni, dan jista' jaghmlu mhux billi jixhed jew igib provi hu, anke jekk ma jixhidx, anke jekk ma jgibx provi. Intom indunajtu li

wara li l-avukat prosekutur ikun spicca mid-domandi li jaghmel lix-xhud, iqum l-avukat difensur u jaghmel il-kontro-ezami nghidulu ahna. U l-iskop tal-kontro-ezami, … wiehed mill-iskopijiet huwa li l-avukat difensur jipprova johloq id-dubbju ragonevoli f'dak li qed ighid dak ix-xhud tal-prosekuzzjoni biex imbaghad wara meta jressaq l-argumentazzjonijiet maghkom ighidilkom anke dak ix-xhud ukoll wera certu konfuzjoni, ukoll hemm certa inkonsistenza, fil-provi tal-prosekuzzjoni. Jigifieri dak li rrid nghid jiena huwa li dan id-dubbju ragonevoli, dan il-grad tal-probabbli l-akkuzat jista' jgibu fil-provi tal-prosekuzzjoni anke bid-domandi li jaghmel l-avukat difensur, anke bl-argumentazzjonijiet li hu jgib quddiemkom."

Mill-istess indirizz ghalhekk jirrizulta li fil-bidu tal-guri kienet diga` nghatat spjegazzjoni tal-grad tal-prova li trid tasal ghaliha l-prosekuzzjoni u sahansitra fl-indirizz hemm aktar brani fejn l-Imhallef jerga' jirreferi kemm ghall-grad ta' prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni fil-kuntest ta' dak li huwa dubbju ragonevoli kif ukoll ghall-grad ta' prova li jrid jilhaq l-akkuzat. Barra minn dan, lejn l-ahhar ta' l-indirizz insibu bran sinjifikanti li jaqra hekk:

"Il-ligi trid biss li intom taghmlu l-gustizzja skond il-provi li smajtu hawn gew. Issa jekk il-provi jwasslu sal-grad tac-certezza morali, tridu ssibu htija, jekk le, jekk iwasslu biss sal-grad tal-probabbli, allura tridu tilliberaw."

M'hemm l-ebda formula li trid tigi segwita servilment ta' kif il-gurati ghandhom jigu ndirizzati dwar il-grad ta' prova li l-prosekuzzjoni ghandha tilhaq biex tista' tinsab il-htija u dwar il-grad ta' prova appartenenti lid-difiza. Izda mill-brani hawn citati huwa evidenti li dan kollu gie spjegat ampjament lill-gurati u ghalhekk l-unika konkluzjoni li tista' tasal ghaliha din il-Qorti hi li ma tarax li l-ilment relattiv ta' l-appellant jista' b'xi mod jigi kkunsidrat bhala sostanzjat.

Fit-tieni lok l-appellant jilmenta li l-indirizz indika lill-gurati direzzjoni ghall-verdett ta' htija u li kien "zmantellament tat-tezi tad-difiza". Ighid li l-Imhallef qabad il-punti tad-difiza wiehed wiehed u dahal fl-apprezzament tal-fatti

taghhom li rrizulta f'indirizz zbilancjat b'orjentament favur it-tezi tal-prosekuzzjoni. Il-fatt li wara sensiela ta' affermazzjonijiet tikkonkludi billi tghid "araw intom" bl-ebda mod ma jigi bilancjat dak li jkun intqal qabel. Bhala ezempju l-appellant isemmi l-kaz fejn id-difiza lmentat dwar ir-rapport botaniku u li dan fl-ahhar irrefera ghan-numru ta' pjanti misjuba - erbatax hajjin u erbgha maqtugha minn wicc il-hamrija; l-Imhallef indika lill-gurati li l-espert ma kienx stqarr li ta' l-ahhar kienu pjanti tal-*cannabis sativa* minkejja l-fatt car li r-rapport botaniku huwa kollu kemm hu fuq il-pjanti *cannabis*.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-indirizz, waslet ghall-konkluzjoni li ma tistax tikkondividi l-ilment ta' l-appellant li l-indirizz huwa zbilancjat favur it-tezi tal-prosekuzzjoni. Ma jirrizultalhiex li l-Imhallef li ppresjeda l-guri b'xi mod eskluda l-liberta` ta' razocinju tal-gurati. Dwar l-uniku ezempju msemmi mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, u cioe` rigwardanti l-kumment ta' l-Imhallef li fir-rapport botaniku "ma jghidx li dawn (l-erba' pjanti maqtughin minn wicc il-hamrija) huma tal-cannabis", (p. 15 ta' l-indirizz) tali kumment ma jistax jittiehed wahdu izda fil-kuntest ta' dak li aktar tard jispjega l-istess Imhallef dwar is-sinjifikat o meno tad-dettalji zghar (p. 3 tape 3 side A ta' l-indirizz). Apparti dan huwa ovvju li l-Imhallef huwa fid-dover li jirrileva dawk il-punti mill-fatti li huwa jikkunsidra necessarji u indispensabbli biex il-gurati jkunu jistghu jaslu ghall-konkluzjoni taghhom, u li jirrelevahom bl-ahjar mod possibbli u car, kif jifhem hu, b'dan pero` illi jaghmilha cara lill-gurati illi huma dejjem liberi illi ma jaqblux mal-mod kif ikun qieghed jindirizzahom ghal dak li huwa apprezzament ta' fatt. Bhalma huwa fid-dover ukoll li jispjega l-linji difensjonali. F'dan, l-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-kaz in ezami ma naqasx.

L-ilment ta' l-appellant li l-indirizz ta' l-Ewwel Qorti kien zmantellament tat-tezi tad-difiza huwa ghaldaqstant infondat.

It-tielet ilment imqajjem taht it-tieni aggravju jirrigwarda r-raba' kap fejn l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ligi rilevanti. Huwa jaghmel

riferenza ghal dak li ntqal fl-indirizz dwar l-element intenzjonali rikjest sabiex jigi ppruvat ir-reat ikkontemplat taht dak il-kap u jiccita dan il-bran:

*"U tkompli tghid il-ligi, jigifieri dawn it-tliet kazijiet separati, f'cirkostanzi li ragonevolment kienu juru li kien ghamel jew li kien qed izomm dik is-sustanza ghal xi hsieb mhux lecitu …imbaghad il-ligi dan ir-reat li wiehed ghamel bomba jw li kellu fil-pussess jew kontroll tieghu din il-bomba, tkompli taggrava dik ic-cirkostanza tal-pussess jigifieri taghmel ir-reat izjed gravi billi tghid illi min ghamel jew kellu taht il-kontroll tieghu dak il-materjal esploziv, zammhom jew kienu ghandu ghax kellu hsieb li juzahom ghal xi skop illecitu. Jigifieri il-pussess wahdu huwa gia` reat, imma mbaghad hemm din il-kwistjoni, il-kwalifika ta' l-hsieb illecitu."*

Isostni l-appellant li meta l-ligi titkellem dwar "kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu" qed tirreferi ghall-element intenzjonali specifiku u mhux bhala cirkostanza aggravanti.

Kuntrarjament ghal dak li qieghed ighid l-appellant, is-semplici pussess ta' materjal esploziv huwa punibbli taht l-Ordinanza dwar l-Esplozivi (Kap 33) u l-piena hija aktar miti minn dik taht l-artikolu 313 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien korrett meta qal li l-kwalifika ta' "l-hseib illecitu" tkompli taggrava s-semplici pussess. Difatti aktar tard fl-istess indirizz, l-istess Imhallef ikompli jispjega l-element intenzjonali specifiku rikjest skond l-akkuza dedotta kontra l-akkuzat:

"U l-element intenzjonali x'inhuwa? L-element intenzjonali hu li tridu taraw proprju dan li ghadni kemm semmejt. X'kienet l-intenzjoni tieghu meta ghamel dawk il-bombi? Kienet biex izommhom fil-frame jew f'xhiex kien qal, jew kienet l-intenzjoni tieghu biex imur jesplodihom f'ghalqa jew fuq il-bahar? Araw intom mill-provi …. Il-ligi tghid illi sabiex dan ir-reat ikun reat konsmat, kompletat, huwa bizzejjed li jirrizulta li dak il-materjal kien volontarjament fil-pussess ta' xi hadd, li xi hadd, ghamlu jw zammu u huwa bizzejjed li jigi ppruvat il-hsieb ghal xhiex qed

izommhom, jew il-hsieb ghaliex ghamilhom, jigifieri l-hsieb biss, hawn, huwa bizzejjed."

Ghalhekk anke dan l-ilment mhuwiex fondat.

It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-allegazzjoni tieghu li gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza. Huwa jelenka diversi fatturi:

1. Waqt l-ghassa li l-Pulizija ghamlet ghal diversi granet, l-appellant la qatt deher fil-vicinanzi ta' l-ghalqa fejn instabu l-pjanti u wisq anqas isaqqi jew jiehu hsieb l-istess pjanti. P.C. 1371 Alfred Grech xehed li kien Frankie Axiaq li kien deher fil-vicinanzi ta' l-ghalqa msemmija.

2. Mir-rapport ta' l-A.I.C. Guido Vella u dak ta' Dr. Alfred Grech li gew nominati mill-Magistrat Inkwerenti bhala esperti fl-atti ta' l-inkjesta dwar is-sejba allegatament tal-*cannabis sativa* ma jirrizultax li l-ghalqa kienet ta' l-appellant.

3. Huwa nkoncepibbli li persuna li qieghda taghmel att illegali thalli fuq il-post gebla bin-numru tat-telefon taghha skolpit fuqha.

4. Fuq l-oggetti elevati minn fejn kienet qed issir il-koltivazzjoni tal-pjanti ma nstabux impronti tas-swaba' ta' l-appellant.

5. Il-kamra fir-residenza ta' l-appellant li saret riferenza ghaliha bhala "serra" ma hi serra xejn izda hija kamra maghmula mill-injam u pjanci tal-fibre minghajr ebda ventilazzjoni u fiha jsir sprejjar ta' parts zghar ta' muturi.

6. Il-mod kif xehed P.S. 1464 Michael Portelli ma kienx wiehed oggettiv u fattwali, izda kienet imhejjija b'informazzjoni gdida sabiex titfa' dawl ikrah fuq l-appellant. Ghalkemm mir-residenza ta' l-appellant gew elevati diversi oggetti, dawn ma gewx sottomessi ghall-ezami ta' l-ebda espert u lanqas ma jinkwadraw ruhhom fl-att ta' l-akkuza.

7. L-oggetti elevati mir-residenza ta' l-appellant gew esebiti, mifruxa u ezaminati wiehed wiehed bl-iskop uniku li l-gurati jigu mpressjonati bin-numru ta' affarijiet misjuba u jiehdu mpressjoni li dawn kienu oggetti "illeciti".

8. Il-Pulizija naqset milli tinvestiga membri ohra tal-familja ta' l-appellant, b'mod partikolari huh li kien imur u jigi mill-esteru u kien habib ta' Frankie Axiaq. Mix-xiehda u komportament ta' l-appellant wiehed kien jiehu l-impressjoni li dan kien qieghed jahbi ghal membru tal-familja tieghu.

9. Frankie Axiaq ammetta li l-mixtla kienet tieghu u stqarr li l-appellant ma kellux x'jaqsam maghha. Dan gie kompletament skartat fl-indirizz ta' l-Ewwel Qorti, bhalma gie skartat il-fatt li waqt l-ghassa fuq il-mixtla kien deher fil-vicinanzi Frankie Axiaq u li l-familjari ta' Frankie Axiaq ghandhom art fid-dintorni.

10. Ix-xiehda ta' l-ex Spettur Joseph Grech kienet jkaratterizzata bir-ripetizzjoni tal-kliem "ma niftakarx" meta gie kontro-ezaminat u mistoqsi dwar Surgent u Kuntistabbli li kienu gew akkuzati b'sekwestru tal-persuna.
11. Ir-rapport botaniku mhejji minn Saviour Camilleri minnufih jassumi li l-pjanti kienu tal-*cannabis sativa*, jikkontjeni anomalija dwar in-numru ta' pjanti misjuba, ma jghidx li kien hu li identifikahom bhala tal-*cannabis sativa* u wisq anqas dwar il-metodi li ntuzaw ghall-identifikazzjoni. L-appellant jindika metodi xjentifici li ghandhom jigu uzati ghall-identifikazzjoni ta' din il-pjanta.

12. L-ammissjoni li l-appellant ghamel meta sar l-i*statement* kienet dovuta ghall-fatt li kien inghata parir minn Kuntistabbli Vincent Apap li jehlisha hafif jekk jassumi r-responsabbilta` u ghall-fatt li kien impressjonat b'kaz ta' pulizija li kien qieghed jinstema' dawk iz-zminijiet.

13. Il-bombi kienu fizikament jidhru antiki u anke il-Kurunell Albert Camilleri stqarr li kienu jidhru li kellhom iz-zmien. L-appellant fl-i*statement* qal li kien ghamilhom xi ghaxar snin qabel u fil-guri qal li kien hallihom f'armarju fuq il-bejt fejn baqghu dak iz-zmien kollu. Dak li qal l-

Imhallef fl-indirizz dwar il-preskrizzjoni ma tirriflettix dak li tghid il-ligi.

Huwa appena necessarju li jigi rilevat illi hawn qeghdin f'kamp delikat peress li, trattandosi ta' apprezzament tal-provi - ezercizzju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati fil-kors tal-guri - din il-Qorti ma tistax tiddisturba l-apprezzament li huma ghamlu, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk huma setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurati, inkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emnuti, setghu jiggustifikaw li l-gurati jaslu ghall-konkluzjoni minnhom raggunta. Principalment forsi wiehed jista' jsemmi l-i*statement* ta' l-appellant stess li jikkontjeni ammissjoni tieghu kif ukoll is-sejba ta' gebla partikolari fil-mixtla u li fuqha kien hemm in-numru tat-telefon tar-residenza tieghu. Nonostante c-cahda tieghu meta xehed waqt il-guri u d-dikjarazzjoni ta' Frankie Axiaq li l-appellant ma kellu x'jaqsam xejn, huwa evidenti li l-gurati ghamlu l-apprezzament taghhom tal-verzjonijiet kontrastanti li ta l-appellant u ma emnux dik ic-cahda li ghamel meta kien fuq il-pedana tax-xhieda dwar il-konnessjoni tieghu mal-mixtla.

Rigward l-ilment tieghu dwar ir-rapport botaniku, huwa ovvju li l-botanija hija xjenza u ghalhekk ir-rapport ta' Saviour Camilleri huwa certament wiehed validu.

Dwar il-kwistjoni mqajma mill-gdid mill-appellant tal-preskrizzjoni ta' l-akkuza taht ir-Raba' Kap, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-analizi taghha li ghamlet waqt l-indirizz peress li hawn si tratta ta' reat ta' pussess li gie skopert fil-25 ta' Ottubru 1992 meta l-

appellant kien ghad ghandu kontroll effettiv fuq is-sustanza esploziva li giet skoperta fir-residenza tieghu. Il-perijodu preskrittiv beda jiddekorri proprju minn dakinhar u kien ghadu qieghed jiddekorri meta tressaq taht arrest fid-19 ta' Jannar 1993 meta lanqas kienu ghadhom ghaddew tliet xhur. Ghalhekk dan l-ilment huwa wkoll michud.

Jibqa' biss biex tigi kkunsidrata l-kwistjoni dwar il-piena. L-appellant jissottometti li hemm trapass ta' zmien konsiderevoli mir-reati addebitati lilu u sahansitra fir-rigward tar-reati migjuba taht il-Kap 101, il-piena applikabbli hija dik qabel ma saru l-emendi fl-1994. Isemmi wkoll li Frankie Axiaq li kien ko-akkuzat mieghu u li ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu bi ksur ta' l-isemmi Kap 101, gie kkundannat prigunerija ghal perijodu ta' sentejn liema sentenza pero` giet sospiza ghal zmien erba' snin. Dan jikkontrasta mal-piena li giet inflitta fuq l-appellant li lanqas ma kien akkuzat bi traffikar bhalma kien Frankie Axiaq. Jirreferi wkoll ghall-fedina penali tieghu u ghax-xiehda tar-Reverendu Emanuel Cordina u jitlob temperament qawwi fil-piena nflitta.

Bhalma diga` ntqal aktar qabel, f' wiehed mir-rikorsi tieghu tas-26 ta' Lulju 2002, l-appellant talab li din il-Qorti tordna li jsir *pre-sentencing enquiry*, ossia *investigation report* qabel ma tghaddi ghas-sentenza. Il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma tghaddi biex tippronunzja s-sentenza taghha dwar il-piena, din it-talba ghandha fil-fatt tigi milqugha u ghalhekk se tghaddi biex taghti l-provvediment infraskritt.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-imsemmi Lawrence Asciak sive Axiak kontra d-dikjarazzjoni ta' htija tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata tat-2 ta' Gunju 2000 f'dan ir-rigward, izda tirrizerva li tipprovdi dwar il-piena wara li jsir *pre-sentencing investigation report* mill-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri li qed tigi nominata biex thejji tali rapport fi zmien xahar millum.

Komunika ta' din is-sentenza lill-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri.

Il-kawza hija differita ghall-ezami tar-rapport u eventwali sentenza finali ghal nhar il-Hamis, 6 ta' Marzu 2003 fit-3.00 p.m.

---------------------------------TMIEM---------------------------------